**MT**

MT

MT

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 23.11.2009
KUMM(2009)642 finali

2008/0221 (COD)

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI**
**LILL-PARLAMENT EWROPEW**

**skont it-tieni sottoparagrafu tal-Artikolu 251 (2) tat-Trattat KE**

**li tikkonċerna**

**l-pożizzjoni komuni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tikkettar tat-tajers fir-rigward tal-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil u parametri essenzjali oħra**

MT MT

2008/0221 (COD)

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW**

**skont it-tieni sottoparagrafu tal-Artikolu 251 (2) tat-Trattat KE**

**li tikkonċerna**

**l-pożizzjoni komuni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tikkettar tat-tajers fir-rigward tal-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil u parametri essenzjali oħra**

## 1. SFOND

| | |
|---|---|
| Data tat-trażmissjoni tal-proposta lill-PE u lill-Kunsill (COM(2008) 779 finali – 2008/0221/COD): | It-13 ta' Novembru 2008 |
| Data tal-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew: | L-24 ta' Marzu 2009 |
| Data tal-opinjoni tal-Parlament Ewropew, l-ewwel qari: | It-22 ta' April 2009 |
| Data tat-trażmissjoni tal-proposta emendata (COM(2009)348): | L-1 ta' Lulju 2009 |
| Data tal-adozzjoni tal-pożizzjoni komuni (b'mod unanimu): | L-20 ta' Novembru 2009 |

## 2. GĦAN TAL-PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI

L-għan ta' din il-proposta huwa li tippromwovi t-trasformazzjoni tas-suq favur it-tajers li jwasslu għal użu tal-fjuwil iktar effiċjenti, kif ukoll tajers iktar sikuri u li jagħmlu inqas storbju. Din l-inizjattiva hija konformi mal-istrateġija riveduta tal-Kummissjoni dwar l-emissjonijiet tas-$CO_2$ tal-karozzi tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali ħfief[1] (li tiffissa l-mira tas-$CO_2$ li għandha tinkiseb permezz ta' tnaqqis fl-emissjonijiet tal-karozzi, inkluż il-promozzjoni ta' tajers li jwasslu għal użu tal-fjuwil iktar effiċjenti.

Il-proposta dwar it-tikkettar tat-tajers sejra tolqot lin-naħa tad-domanda u tikkumplimenta l-leġiżlazzjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' tajers li tindirizza lin-naħa tal-provvista permezz ta' rekwiżiti minimi. Ir-rekwiżiti minimi għar-rezistenza għat-tidwir, il-qbid fuq l-imxarrab u l-istorbju estern mit-tidwir skedati biex jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 2012 bir-Regolament (KE) Nru 661/2009[2] dwar is-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-magna sejra tiggarantixxi livell standard ta' kwalità tat-tajers, filwaqt li titjib ieħor 'il fuq minn dawn il-livell ser ikun xprunat permezz tal-iskema tat-tikettar.

---

1 COM(2007) 19

2 ĠU L 200, 31.7.2009, p. 1-24

## 3. KUMMENTI DWAR IL-POŻIZZJONI KOMUNI

### 3.1. Kummenti ġenerali dwar il-Pożizzjoni Komuni

It-test tal-Pożizzjoni Komuni nnegozjata huwa, fis-sustanza u fil-biċċa l-kbira tiegħu, skont il-proposta tal-Kummissjoni u għalhekk għandu jiġi appoġġat.

### 3.2. Ftehim fl-istadju tal-Pożizzjoni Komuni

Il-Pożizzjoni Komuni nnegozjata hija r-riżultat ta' negozjati interistituzzjonali li sar ftehim dwarhom fit-trijalogu finali tal-1 ta' Ottubru 2009.

Fl-14 ta' Ottubru 2009 il-president tal-Kumitat tal-ITRE, is-Sur Herbert Reul, ikkonferma li l-Parlament jaqbel mat-test li l-Coreper laħaq ftehim dwaru fis-7 ta' Ottubru 2009 u mal-Istqarrija tal-Kummissjoni (ara hawn taħt). Il-pożizzjoni Komuni nnegozjata ġiet formalment adottata fil-Kunsill għall-Agrikoltura u s-Sajd fl-20 ta' Novembru 2009.

Intlaħaq ftehim dwar is-suġġetti ewlenin tan-negozjati li ġejjin (skont l-ordni kif dehru fil-proposta).

- *Il-format tal-proposta:* Fuq talba tal-Parlament, il-proposta nbidlet minn Direttiva għal Regolament.

- *Rekwiżiti tar-reklamar* (l-Artikolu 3(4) u l-premessa 17): Id-definizzjoni tal-letteratura promozzjonali teknika hija mfissra fi kliem ieħor sabiex ikun ċar li din ma tinkludix ir-reklamar permezz tal-midja b'mod ġenerali.

- *Kif inhi murija t-tikketta* (l-Artikolu 4): Ġiet introdotta flessibbiltà dwar dak li għandu jintwera fuq it-tikketta. Filwaqt li l-Kummissjoni pproponiet li għandu jkun hemm obbligu li t-tikketta tintwera fil-punt tal-bejgħ permezz ta' stiker fuq kull tajer, l-emenda nnegozjata mill-Kunsill/Parlament tipprevedi li t-tikketta tista' jew tiġi murija permezz ta' stiker fuq kull tajer kif propost mill-Kummisjoni jew inkella tingħata f'kopja stampata għal kull tajer jew għal kull lott ta' tajers identiċi li jingħataw fil-punt tal-bejgħ. f'dak il-każ, l-Artikolu 5, jitlob li d-distributuri juru t-tikketta stampata lill-utenti aħħarin qabel ma jsir il-bejgħ tat-tajer(s) fil-punt tal-bejgħ.

- *Ir-responsabbiltajiet tal-fornituri tal-vetturi* (l-Artikolu 6): Tneħħa l-obbligu ġenerali tal-produtturi tal-vetturi li juru l-klassifikazzjoni tat-tajers li jiġu mmuntati fuq il-vetturi l-ġodda. Ir-rekwiżit tal-informazzjoni, skont il-ftehim, għandu japplika biss għal dawk it-tajers li jiġu offruti bħala għażla lill-utenti aħħarin.

- *Sorveljanza tas-suq* (l-Artikolu 12): Ġiet introdotta referenza għar-Regolament (KE) Nru 765/2008 dwar is-sorveljanza tas-suq fl-Artikolu 12 kif kien issuġġerit fil-proposta emendata mill-Kummissjoni b'reazzjoni għat-talba tal-Parlament għar-regoli rinforzati għas-sorveljanza tas-suq.

- *Klawżola ta' reviżjoni* (l-Artikolu 14): Il-klawżola tar-reviżjoni tqassret minn 5 snin kif oriġinarjament kienet fil-proposta għal 40 xahar sabiex tiġi vverifikata l-effikaċja u l-viżibbiltà tal-iskema tat-tikkettar, b'mod partikolari fir-rigward tal-Artikoli emendati 4 u 5.

- *Dispożizzjonijiet tranżizzjonali* (l-Artikolu 15): Il-PE u l-Kunsill laħqu ftehim sabiex ikunu eżentati t-tajers prodotti qabel Lulju 2012 mir-rekwiżiti tat-tikkettar.

- *Promozzjoni ta' tajers li jagħmlu inqas storbju* (anness II): Żdiedet klassifikazzjoni tal-istorbju estern tat-tidwir fuq it-tikketta sabiex ikun faċli li wieħed jidentifika tajers li jagħmlu inqas storbju, kif ukoll il-wiri fuq it-tikketta tal-valur imkejjel f'decibels tal-istorbju estern tat-tidwir.

- *Websajt dwar l-informazzjoni fuq it-tikketti tat-tajers u kalkulatur armonizzat tal-fjuwil iffrankat:* Sabiex ikun iffaċilitat ftehim bejn l-istituzzjonijiet, il-Kummissjoni qablet li tagħmel l-istqarrija li ġejja waqt is-sessjoni plenarja tal-Parlament immedjatament qabel l-adozzjoni finali tal-proposta għal Regolament:

  *"Il-Kummissjoni tappoġġa l-użu tal-istrumenti tal-Komunità bħalma hu l-Programm "Enerġija intelliġenti – Ewropa sabiex tikkontribwixxi għall-inizjattivi li jqajmu l-kuxjenza tal-utenti aħħarin dwar il-benefiċċji tat-tikkettar fuq it-tajers.*

  *Sa Ġunju 2012, il-Kummissjoni se tagħmel disponibbli, b'mod partikolari għall-organizzazzjonijiet tal-konsumatur u l-manifatturi tat-tajers fuq il-websajt tagħha ec.europa, informazzjoni li tispjega kull wieħed mill-komponenti tat-tikketta ta' fuq it-tajer u kalkulatur armonizzat tal-fjuwil iffrankat."*

## 4. KONKLUŻJONI

Il-Pożizzjoni Komuni tissodisfa l-għanijiet tal-proposta inizjali tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għalhekk tappoġġa t-test.